



EMA/162596/2023  
EMEA/H/C/006047

## Lacosamide Adroiq (*lacosamide*)

Ħarsa ġenerali lejn Lacosamide Adroiq u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Lacosamide Adroiq u għal xiex jintuża?

Lacosamide Adroiq huwa mediciċina li tintuża waħedha jew bħala żieda ma' mediciċini oħra jn-nu fit-trattament ta' aċċessjonijiet tat-tip parzjali (attakki epilettiċi li jibdew f'parti speċifika waħda tal-moħħ) b'ġeneralizzazzjoni sekondarja jew mingħajrha (fejn l-attività elettrika anormali tinfirex fil-moħħ) f'pazjenti li jebtu mill-epilessija ta' età ta' sentejn u aktar.

Lacosamide Adroiq jista' jintuża wkoll bħala żieda ma' mediciċini oħra kontra l-epilessija fit-trattament ta' aċċessjonijiet tat-tip "tonic-clonic" ġeneralizzati primarji (attakki epilettiċi severi, inkluż it-telfien mis-sensi) f'pazjenti minn età ta' 4 snin b'epilessija idjopatika ġeneralizzata (it-tip ta' epilessija li hi maħsuba li għandha kawża ġenetiċa).

Lacosamide Adroiq huwa "mediciċina ġenerika". Dan ifisser li Lacosamide Adroiq fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediciċina ta' referenza" diġà awtorizzata fl-UE. Il-mediciċina ta' referenza għal Lacosamide Adroiq hija Vimpat. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediciċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibet [hawnhekk](#).

Lacosamide Adroiq fih is-sustanza attiva lacosamide.

### Kif jintuża Lacosamide Adroiq?

Lacosamide Adroiq huwa disponibbli bħala soluzzjoni għall-infużjoni (dripp) ġol-vina u jingħata darbejn kuljum.

Il-mediciċina tista' tinkiseb biss b'rċetta ta' tabib.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Lacosamide Adroiq, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

### Kif jaħdem Lacosamide Adroiq?

Is-sustanza attiva f'Lacosamide Adroiq, il-lacosamide, hija mediciċina kontra l-epilessija. L-epilessija tiġi kkawżata minn attività elettrika anormali fil-moħħ. Il-mod eżatt ta' kif taħdem il-lacosamide mhuwiex ċar, iżda jidher li din tnaqqas l-attività tal-kanali tas-sodju (pori fil-wiċċ taċ-ċelloli tan-nervituri) li jippermettu t-trażmissjoni ta' impulsi elettriċi bejn iċ-ċelloli tan-nervituri. Din l-azzjoni tista' tipprevjeni l-attività elettrika anormali fil-moħħ, b'hekk titnaqqas il-possibbiltà ta' attakk epilettiku.

**Official address** Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

**Address for visits and deliveries** Refer to [www.ema.europa.eu/how-to-find-us](http://www.ema.europa.eu/how-to-find-us)

**Send us a question** Go to [www.ema.europa.eu/contact](http://www.ema.europa.eu/contact) **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



## **Kif ġie studjat Lacosamide Adroiq?**

Studji dwar il-benefiċċi u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użijiet approvati diġà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Vimpat, u m'għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Lacosamide Adroiq.

Bħal kull mediċina, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Lacosamide Adroiq. Ma kienx hemm bżonn ta' studji ta' "bijoekwivalenza" biex jiġi investigat jekk Lacosamide Adroiq jiġix assorbit b'mod simili għall-mediċina ta' referenza biex jiproduċi l-istess livell tas-sustanza attiva fid-demm. Dan minħabba li Lacosamide Adroiq jingħata bħala infużjoni ġol-vina, u għalhekk is-sustanza attiva titwassal direttament fid-demm.

## **X'inhuma I-benefiċċi u r-riskji ta' Lacosamide Adroiq?**

Minħabba li Lacosamide Adroiq huwa mediċina ġenerika, il-benefiċċi u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet ta' Lacosamide Adroiq, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## **Għaliex Lacosamide Adroiq ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Lacosamide Adroiq wera li huwa komparabbli għal Vimpat. Għaldaqstant, il-fehma tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Vimpat, il-benefiċċi ta' Lacosamide Adroiq huma akbar mir-riskji identifikati u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qeqħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Lacosamide Adroiq?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkmandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Lacosamide Adroiq.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Lacosamide Adroiq hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati rrappurtati b'Lacosamide Adroiq huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tiproteġi lill-pazjenti.

## **Informazzjoni oħra dwar Lacosamide Adroiq**

Aktar informazzjoni dwar Lacosamide Adroiq tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/lacosamide-adroiq](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/lacosamide-adroiq). Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija